MINUTI
Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ħal Luqa
9 LEĠIŻLATURA
Laqgħa Numru 38

L-Erbgħa 21 ta' Ottubru 2026

Il-Kunsill Lokali Ħal Luqa ltaqa' ġewwa l-uffiċċju amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz: 174, Ċentru Ċiviku, Triq il-Ġdida, Ħal Luqa, fil-17.30.

PREŻENTI:

Is-Sur John Schembri	Sindku
Is-Sur Keith Bartolo	Viċi Sindku
Is-Sur Matthew Spiteri	Kunsillier
Is-Sur Anton Gatt	Kunsillier (wasal 17.45)
Is-Sur Jeffrey Scicluna	Kunsillier
Is-Sur Andrew Cassar	Kunsillier
Is-Sur Frederick Aquilina	Kunsillier (wasal 18.32)

ASSENTI B'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A):
Ħadd

ASSENTI:
Ħadd

UFFIĊJALI PREŻENTI:

Is-Sa Astrid Pell	Segretarju Eżekuttiv
Is-Sur Joseph Piscopo	Accountant

MEMBRI MILL-PUBBLIKU:
Ħadd

38.01 Qari tal-ittri ta' apoloġija

38.01.01 Xejn

38.02 Approvazzjoni tal-minuti (seduta 37)

38.02.01 Fuq proponiment tal-Kunsillier Andrew Cassar u sekondat mill-Kunsillier Matthew Spiteri, il-minuti ta' seduta **37** ġew approvati unanimament.

38.03 Approvazzjoni ta' kwotazzjonijiet

38.03.01 Is-Segretarju Eżekuttiv Astrid Pell ippreżentat kwotazzjoni waħda rigward it-tiżjin tal-Milied għas-sena 2026. Is-Segretarju Eżekuttiv Astrid Pell spjegat li dan it-tiżjin se jiffoka fuq it-toroq ta' Ħal Luqa u Ħal Farruġ u se jiżdied it-tiżjin. Il-Kunsilliera preżenti qablu b'mod unanimu rigward din il-kwotazzjoni.

38.04 Komunikazzjoni mis-Sindku

38.04.01 Is-Sindku John Schembri qal lill-Kunsilliera li rċieva komunikat mill-Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali se tkun qed tikkollabora ma' Nature Trust – FEE Malta u Eko Skola Malta, fejn se tiġi organizzata ċerimonja biex tagħraf ix-xogħol li sar mill-istudenti matul is-sena skolastika. Din iċ-ċerimonja bl-isem ta' Green Flag Award Ceremony 2026 Towards 2050: Our Ideas. Our Commitment. Our Actions. li se ssir nhar il-Ħamis, 12 ta' Novembru 2026 ġewwa Xara Lodge, ir-Rabat taħt il-patroċinju tal-ET Myriam Spiteri Debono, il-President ta' Malta.

38.04.02 Is-Sindku John Schembri qal lill-Kunsilliera informa lill-Kunsilliera preżenti li għal darb'oħra l-Kunsill Lokali se jkun qiegħed jippubblika l-fuljett annwali fi żmien il-Milied. Is-Sindku John Schembri qal lill-Kunsilliera preżenti sabiex jibagħatu r-Rapport ta' Ħidma tagħhom għas-sena 2026 lis-Segretarju Eżekuttiv Astrid Pell sal-10 ta' Novembru 2026. Is-Sindku John Schembri tenna jgħid li dawn ir-rapporti ta' ħidma huma meħtieġa għal dan il-fuljett.

38.04.03 Is-Sindku John Schembri qal li rċieva komunikat mid-Direttorat għall-Ħarsien tal-Annimali informa lid-Diviżjoni tal-Gvern Lokali li dalwaqt se jkun qed iqassam vawċers għall-ikel tal-qtates lill-Kunsilli Lokali f'Malta. L-ikel tal-qtates miksub permezz ta' dawn il-vawċers għandu sussegwentement jitqassam mill-Kunsilli Lokali rispettivi lil dawk li jieħdu ħsieb u jitimgħu l-qtates tat-triq u li huma rreġistrati fil-lokalitajiet tagħhom, bil-għan li jingħata appoġġ għall-ħidma siewja tagħhom fil-kura tal-qtates tat-triq. Is-Sindku John Schembri qal li l-Kunsill Lokali wera interess għal din l-iskema.

38.04.05 Is-Sindku John Schembri qal li rċieva komunikazzjoni mid-Diviżjoni għall-Gvern Lokali li l-Ministeru għall-Gvern Lokali u x-Xogħlijiet Pubbliċi, b'kollaborazzjoni mas-Segretarjat Parlamentari għall-Ħarsien tal-Annimali, qed iniedi t-tieni espressjoni ta' interess sabiex jiġu organizzati aktar minn dawn il-korsijiet, bil-għan li jkompli jissaħħaħ l-għarfien dwar l-ewwel għajnuna għall-annimali. Dawn il-korsijiet se jipprovdu għarfien u ħiliet prattiċi essenzjali sabiex il-parteċipanti jkunu jistgħu jirreaġixxu b'mod effettiv f'sitwazzjonijiet ta' emerġenza li jinvolvu l-pets u annimali oħra, inkluż kif tingħata kura

immedjata u sigura sakemm tasal l-assistenza veterinarja professjonali. Is-Sindku John Schembri qal li l-Kunsill Lokali wera interess għal din l-iskema.

38.04.06 Is-Sindku John Schembri qal li rċieva komunikat mill-Aġenzija Nazzjonali tal-Litteriżmuli tippromwovi u trawwem l-imħabba lejn il-qari u ssaħħaħ il-livelli tal-litteriżmu madwar Malta u Għawdex. L-Aġenzija hija ħerqana biex tarma l-libreriji fl-apert f'diversi spazji miftuħa li jaqgħu taħt il-ġurisdizzjoni tal-Kunsilli Lokali. Is-Sindku John Schembri fiehem li l-Kunsilli Lokali interessati f'din l-inizjattiva jridu jidentifikaw u jippproponu spazji miftuħa adekwati fi ħdan il-ġurisdizzjoni tagħhom fejn jitqiegħdu dawn il-kaxxi fl-apert. Jallokaw persuna, idealment kunsillier/a lokali, biex j/tissorvelja l-użu tal-librerija fl-apert darba fil-ġimgħa. Kull tliet xhur jissottomettu lill-Aġenzija Nazzjonali tal-Litteriżmu, l-osservazzjonijiet dwar l-użu tal-librerija permezz ta' formola pprovduta mill-Aġenzija. Il-Kunsilliera preżenti qablu b'mod unanimu li jieħdu sehem f'din l-inizjattiva.

38.05.06 Is-Sindku John Schembri qal li rċieva komunikat minn residenti minn Ħal Luqa sabiex joġġezzjonaw għall-PA/07136/206 fuq il-bażi li dan it-twaqqigħ se jsir f'żona ta' UCA. Il-Kunsillier Andrew Cassar astjena minn l-oġġezzjoni peress li għandu konflitt ta' interess. Il-Kunsilliera l-oħra preżenti qablu li l-Kunsill Lokali għandu joġġezzjona għal dan il-proġett.

38.06.06 Is-Sindku John Schembri qal li rċieva komunikazzjoni mingħand is-CMD li bagħatu planner sabiex il-Kunsill Lokali jkun jista' jimlih u jinforma minn qabel lis-CMD b'xi attivitajiet li se jkun qed jippjana fiż-żmien li ġej sabiex jipprovdi ħaddiema żejda għat-tindif.

38.05 Mistoqsijiet mill-Kunsilliera

38.05.01 Il-Kunsillier Matthew Spiteri informa lill-Kunsilliera preżenti li huwa rnexxielu jsib benefattur li se jħallas għar-restawr tal-proġett tas-Salib tad-Dejma. Is-Sindku john Schembri qal lill-Kunsillier Matthew Spiteri li jkun għaqli li ninfurmaw lill-Heritage Malta sabiex ma ssirx ħsara. Is-Sindku John Schembri qal li bħala prinċipju l-Kunsill Lokali jaqbel ma' dan ir-restawr.

38.05.02 Il-Kunsillier Frederick Aquilina staqsa lis-Sindku John Schembri dwar jekk saritx oġġezzjoni rigward PA/00750/23. Is-Sindku John Schembri wieġeb lill-Kunsillier Frederick Aquilina li din l-oġġezzjoni saret diġà.

38.06 Komunikazzjoni mis-Segretarju Eżekuttiv

38.06.01 Is-Segretarju Eżekuttiv Astrid Pell ippreżentat il-messaġġi What's App u tat rendikont u ppreżentat ir-rapporti mitluba ta' kemm daħlu l-ilmenti matul dan ix-xahar.

38.06.02 Is-Segretarju Eżekuttiv Astrid Pell qalet lill-Kunsilliera preżenti li ntbagħtet komunikat mill-Primary Health Care. Is-Segretarju Eżekuttiv Astrid Pell infurmat lill-Kunsilliera preżenti li l-Kampanja Nazzjonali tat-Tilqim kontra l-Influwenza se ssir mill-aħħar ta' Ottubru 2026 sal-aħħar ta' Jannar 2027. Is-Segretarju Eżekuttiv Astrid Pell kompliet tgħid li fejn hemm kliniċi tal-komunità disponibbli, is-sessjonijiet tat-tilqim jistgħu jiġu kkoordinati u organizzati b'mod konġunt permezz ta' dawn il-faċilitajiet. Is-

sessjonijiet huma ppjanati li jsiru matul il-ħinijiet ta' wara nofsinhar jew fi tmiem il-ġimgħa, bil-għan li jiġu organizzati matul ix-xahar ta' Novembru, skont id-disponibbiltà tal-postijiet, ir-riżorsi umani u d-domanda mistennija.

38.06.03 Is-Segretarju Eżekuttiv Astrid Pell qalet lill-Kunsilliera preżenti li b'referenza għall-applikazzjoni sottomessa mill-Kunsill Lokali tagħna għall-iskema **SPI/SCI/03/2026** – *Finanzjament – Attivitajiet Milied 2026,* il-Kunsill Lokali ġie infurmat li t-talba tagħna għall-fondi ġiet aċċettata.

38.06.04 Is-Segretarju Eżekuttiv Astrid Pell qalet lill-Kunsilliera preżenti li rċeviet talba għar-rimbors minn żewġ persuni li sofrew danni fil-vetturi tagħhom minħabba ħofra fi Triq Ħal Farruġ. Il- Kunsilliera preżenti qablu b'mod anonimu li tali spejjeż jitħallsu mill-Kunsill Lokali. Is-Segretarju Eżekuttiv Astrid Pell infurmat lill-Kunsilliera preżenti li dawn il-pagamenti se jkunu qed jgħaddu fil-jiem li ġejjin.

37.07 Korrispondenza

37.07.01 Xejn

38.08 Quarterly Report (Jannar – Settembru 2026)

38.08.01 Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżentat ir-Rapport Finanzjarju għat-tielet kwart tas-sena 2026 u tat spjegazzjoni dwar is-sitwazzjoni finanzjarja tal-Kunsill.

L-Accountant tal-Kunsill is-Sur Joseph Piscopo spjega kif ġie rrappurtat li, sal-aħħar ta' Settembru 2026, il-Kunsill kien qed jirreġistra defiċit ta' madwar €7,000, liema ammont ma kienx jinkludi l-ispejjeż relatati mal-ħaddiema.

Ġie spjegat ukoll li l-Kunsill għandu allokazzjoni finanzjarja ta' madwar €385,000, li minnha jridu jitnaqqsu l-ispejjeż u l-impenji finanzjarji relatati mal-operat tal-Kunsill. Saret referenza għaż-żieda ta' persuna oħra fuq il-payroll tal-Kunsill, filwaqt li s-Segretarju Eżekuttiv Astrid Pell iċċarat li l-ispiża relatata magħha għandha tiġi rimborsata mid-Diviżjoni tal-Gvern Lokali.

Is-Sur Joseph Piscopo qal li l-Kunsill għandu madwar miljun ewro fil-bank u dawn il-flus l-aħjar ikunu investiti jew isir użu minnhom, aħjar milli jibqa' ammont sostanzjali fil-kont bankarju tal-Kunsill. Ġie diskuss ukoll il-bżonn li jiġu eżaminati l-ispejjeż fissi tal-Kunsill, b'referenza għal ammont ta' madwar €300,000 li jkunu fissi filwaqt li l-kumplament tal-fondi jintużaw. Is-Sur Piscopo ssuġġerixxa li l-aħjar jiġi organizzat appuntament mal-Bank Manager sabiex jiġu diskussi kwistjonijiet relatati mal-finanzi tal-Kunsill.

Fuq proponiment tal-Kunsillier Jeffrey Scicluna u sekondat mill-Kunsillier Anton Gatt dan il-Quarterly Report kien approvat b'mod unanimu.

38.09 Attivitajiet u Skemi

38.09.01 Is-Segretarju Eżekuttiv Astrid Pell spjegat kif irċeviet komunikat li l-Kunsill Lokali se jkun qiegħed jingħata €2,000 f'fondi għal żmien tal-Milied. Il-kunsillier Frederick Aquilina ssuġġerixxa li b'dawn il-fondi jsir dekorazzjoni fil-bandli. Is-Sindku

John Schembri qal li l-aħjar tali fondi jintużaw sabiex isir it-tiżjin fuq barra tal-binja tal-Kunsill Lokali. Il-Kunsilliera preżenti qablu b'mod unanimu dwar is-suġġeriment.

Is-Sindku John Schembri kompla jgħid li għall-Milied għandu l-ħsieb li jagħmel siġra kbira tal-Milied fir-roundabout. Is-Sindku John Schembri qal li għal sena oħra se jduru l-baned madwar it-toroqa ta' Ħal Luqa u Ħal Farruġ.

38.10 Skeda ta' Pagamenti u petty cash

38.10.01 Fuq proponiment tal-Viċi Sindku Keith Bartolo, u sekondat mill-Kunsillier Anton Gatt, il-Kunsilliera preżenti kollha qablu bi qbil unanimu dwar l-iskeda tal-pagamenti u l-petty cash.

38.11 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss

38.11.01 Is-seduta tal-Kunsill intemmet fis-19.15 wara li ġiet mgħoddija l-aġenda kollha u ġiet aġġornata għal nhar il-Ħamis 12 ta' Novembru 2026, fil-17.30.

Ikkonfermati llum il-Ħamis 12 ta' Novembru 2026.

_____	_____
John Schembri	**Astrid Pell**
Sindku	*Segretarju Eżekuttiv*